# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sebgħa (8/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 17 t' Awwissu 2016, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| SKUŻAT: | Francis Callus | Viċi Sindku |
| | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li l-Viċi Sindku kien skuzat peress illi kien ma jiflaħx.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi l-bdiewa ma jixtiequx illi t-triq isir one-way għal min għandu propjeta u għalhekk mhux se jkomplu bil-petizzjoni [ref punt 3.1]

3.2 Is-Sindku qal illi kollox mar sew waqt l-inawgurazzjoni tal-Berġa [ref punt 3.2]. PBS kitbu li l-Kunsill nefaq €55,000 meta fil-fatt dak kien l-ammont biex nibnu l-area li jinkludi wkoll l-I.T Room. Is-Sindku qal illi jixtieq illi l-kamra tibda tintuza sal-aħħar tax-xahar. Qal illi l-ispeech therapist rat il-kamra zgħira u għalhekk se juzaw il-kamra tas-Social Services. Nhar it-Tlieta 23 t'Awwissu se jġibu l-għamara tagħhom u se jibdew jaħdmu kull nhar ta' Tnejn u Tlieta bejn is-7.30am u t-3.30pm . Ħa jkun hemm podoliġist l-ewwel nhar t'Erbgħa ta' kull xahar għall-anzjani li jattendu d-Day Centre u se jiġu ġurnata oħra fix-xahar għar-residenti. It-tabib u n-nurse se jiġu kull nhar ta' Tlieta u Erbgħa bejn l-10.15am u 11.15am.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa x'se jsir fil-kamra li qed tintuza bħalissa. Is-Sindku s-Segretarju Eżekuttiv qalu li diġa tajnihom ftit idejat.

3.3 Is-Sindku qal kien hemm attendenza tajba għall-cruise ta' Captain Morgan u attendew 115 ruħ [ref punt 3.7]. Qal illi ħadu pjaċir.

3.4 Is-Sindku qal illi x-xogħol sar fl-area ta' Ġawhar. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk kienu l-ħaddiema tagħna li ħarqu l-ħaxix. Is-Sindku qal illi ħallew il-ħaxix hemm imma ma ħarqu xejn [ref pun 3.12].

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li l-impjegat tas-CIES qed juri ħafna interess u li huma kuntenti bih [ref punt 3.13]

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'għandu l-ebda update fuq il-MoU [ref punt 6] u qed jistenna l-istruzzjonijiet mid-DLG.

3.7 L-AC's qegħdin jaħdmu sew issa [ref punt 8.3]

3.8 Il-kuntrattur Lee Seychell qal illi ma kienx hemm konkorenza [ref punt 8.4]

3.9 Il-kompjuter ġie ssetjat [ref punt 8.9]

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-kunsilliera Joanna Abdilla kienet bagħtet emajl rigward nuqqas ta' tabelli f'triq in-Nassaba. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa għall-aktar informazzjoni fejn qalet illi h'hemmx marki fit-toroq [linji sofor].

Dawn se jsiru.

## 5. Payment Approval Sheet

5.1 Il-kunsill qabel mal-PAS u ġie ffirmat. Iffirmaw l-PAS tal-laqgħa preċedenti wkoll.

5.2 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjonijiet għall-Payment Approval Sheet.

## 6. L-istqarrija tal-Kunsill fuq il-kaz tal-kunsillier Carlo Stivala

6.1 Il-kunsillier Carlo Stivala ġie akkuzat f'portal elettroniku għal azzjoni li għamel persuna ieħor bl-istess isem. Mingħajr l-ebda provi u kien imsemmi bħala l-akkuzat. Il-Kunsill kien ħareġ stqarrija biex jiddefendi lil dan il-kunsillier bi qbil tal-kunsill u DLG. Sfortunatament l-*wording* fil-midja ma kienx kif intbagħtet mill-Kunsill.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva apoloġija min-Nazzjon izda ma rċieva l-ebda apoloġija minn Net News u fetaħ libel kontrihom hu personali. Qal illi forsi kien zball ġenwin izda kien hemm impatt negattiv fuqhu u fuq il-familja tiegħu. Spjega kif l-għada tal-artiklu kellu jmur għat-tifel tiegħu l-iskola għax it-tifel kienx qed iħossu komdu man-nies. Qal illi uza s-*social media* biex jgħid illi ma kienx hu izda mhux kulħadd juza s-*social media* u b'hekk mhux kulħadd kien jaf il-verita.
Hu rringrazzja lill-Kunsill u qal illi politikament kollha kemm huma għaddew minn każijiet simili u ma jsir l-ebda ġid lejn l-individwi jew lejn ir-raħal.
Il-kunsillir Pietru Pawl Busuttil qal illi fuq in-Net kienu ġabu headline fuq il-kaz izda fl-aħbarijiet ma semmew xejn.
Is-Sindku Johan Mula qal illi ħass illi l-Kunsill kellu joħroġ l-istqarrija peress li l-kunsillier Stivala ma kellu x'jaqsam assolutament xejn mal-każ u peress li ssemma l-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Ħass illi kelna noħorġu l-istqarrija fuq dawn iż-żewġ premessi.

## 7. Kaz ta' dixxiplina: Mrs. Josianne Grech

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bejn nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju u nhar is-Sibt 30 ta' Lulju l-impjegata s-sinjura Josianne Grech qabdet u ma ġietx għax-xogħol. Qal illi hu kien qiegħed bil-leave fejn kien għaraf lill-impjegati li se jagħmel ftit ġranet barra minħabba raġunijiet personali. Fis-27 ta' Lulju ċempel lill-impjegata fit-8.05am biex jara jekk kollox sew fl-uffiċju u biex jagħti ftit xogħol illi kien hemm bzonn

izda ma rċieva l-ebda risposta. Qal illi sar jaf illi naqset milli maret għax-xogħol meta rċieva telefonata mill-impjegata l-oħra u staqsa għas-sinjura Grech u qalet illi kienet bagħtet SMS lilha biex tgħid illi mhix dieħla għax-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-passat l-istess impjegata kienet qabdet u ma daħlitx, speċjalment meta tkun taf illi hemm impjegat ieħor bil-leave, u kien qalilha li trid tagħmel talba għal-leave minn qabel, jew inkella jekk tieħu sick leave, għandha tibgħat/iċempel lilhu hew lis-Sindku sad-9am, u ħadd izjed. Kien qal illi m'għandiex titlob illi tkun skużata mill-impjegata l-oħra. Qal illi wara prova jċempilha izda qatt ma rrispondiet. Baqa jċempel nhar il-Ħamis u nhar il-Ġimgħa wkoll. Is-Sindku qal illi hu ma kien irċieva xejn u ma kinitx qed tirrispondi t-telefonati tiegħu anqas. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nhar il-Ħamis, mid-dehra, wara li ma daħlitx, l-impjegata l-oħra ċemplet biex tara x'ġara u din qalet illi kienet bis-sick. Xorta ma baqitx tirrispondi l-SMS's u t-telefonati tiegħu. Kienet avzata biex ma terġax tagħmel hekk wara li fil-passat għamlet affarijiet simili fejn anka kienet bis-sick għal ħames ġimgħat u kienet live fuq TV fl-istess zmien. Ħass illi ma jistax ikun illi jibqa jaċċetta dawn l-affarijiet u wara li kellimha bil-kwiet baqgħet tirrepetti l-istess żbalji.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa x'kien il-kaz dwar id-dawra mal-Captain Morgan għax kien ġie sal-uffiċju u ra li kien hemm naqra inkwiet fl-ewwel ġurnata li kienet nieqsa mix-xogħol. Is-Sindku spjega kif hi kellha l-flus ġol-kexxun u li kellu jmur bil-flus biex iħallas. Iċ-ċwievet kienu qegħdin għandha u spiċċa ġie missiera biex jiftaħ il-kexxun.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-aħħar mill-aħħar hi anqas ippreżentat sick note lilu avolja qalet illi kienet sick. Meta tkellem magħha qalet illi kienet ma tiflaħx u drabi oħra qalet illi le [anka qalet illi 'kulħadd għandu dritt għal-leave'] Qal ukoll illi kiteb ittra indirizzat lill-kunsilliera, lid-Direttur tad-DLG, lill-Onor Stefan Buontempo u lil UĦM biex ikunu avzati.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi fil-fehma tiegħu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv huma kredibli u hi għandha terfa responsabilita għan-nuqqasijiet tagħha. Hi għandha tkun responsabbli għall-Kunsill u la kienet avzatha fil-passat izjed u izjed kellha tieħu ħsieb. Qal ill waqt illi jiddispjċih li forsi għandha l-problemi, kulħadd għandu l-limiti fejn jidħol il-paċenzja u ma jistax ikun illi hi twaddab ir-responsabilita fuq ħaddieħor.

Is-Sindku qal illi se jkun hemm problemi jekk tibqa sejra hekk. Qal illi dejjem ħadet il-full P.B izda ma jistax ikun illi tieħu l-eqwivalenti ta' min jaħdem sew u jerfa r-responsabilita meta hi tagħmel il-kontra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill qed ikun magħruf b'dak illi ġara issa għax ħass illi bid-diplomazija ma wasalna mkien u minn issa l-quddiem il-Kunsill qabel illi nibdew nieħdu passi dixxiplinari.

**8. Festa 2016**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nhar is-Sibt 13 ta' Awwissu l-kuntrattur se jaħsel l-pjazza. Qal illi l-kuntrattur tagħna tal-Landscaping se jġib il-fjuri li ordnajna fil-bidu tal-ġimgħa u li l-permessi għall-gabbani ħarġu.

8.2 Is-Sindku qal illi mhux se jkun hemm open skip. Se nordnaw 2 skips għall-pjazza u 2 għall-gabbani. Barra minn hekk se nordnaw 4 skips ta' 240ltrs.

8.3 Is-Sindku rringrazzja lis-sur Joe Hayles, kunsillier taż-Żejtun, illi ta l-għajnuna rigward il-permessi u kif għandna nistabillixxu kontribuzzjoni biex nieħdu xi ħaġa lura għall-infieq tal-iskips. Is-sur Hayles bagħat specimen tal-permessi tal-Kunsill tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jħalsu kontribuzzjoni ta' €15/ġurnata [tal-ikel] u €10/ġurnata [tat-toys].

8.4 Is-Sindku rċieva talba biex nagħmlu mobile toilets fil-Pjazza. Sal-laqgħa l-Kunsill ma rċieva l-ebda stima izda l-Kunsill qabel illi nuzaw is-servizz tal-irħas wieħed. Qablu li dawn isiru fejn il-bini l-ġdid tal-Paradise, dejjem bil-permess tas-sid.

8.5 Is-Sindku qal illi se nixegħlu d-dawl barra l-Kunsill sa nofs il-lejl u li se nagħmlu l-bandiera l-ġdida malli tidħol fir-raħal. It-toilets se jkunu miftuħin sa nofs il-lejl fil-weekend tal-festa.

8.6 Il-kunsillier Joanna Abdilla staqsiet jekk se jiġbru ż-żibel wara l-marċ tal-Ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur tal-knis ġie sal-uffiċju u se jieħu ħsieb illi jikinsu l-triq waa l-marċ, waqt illi l-kuntrattur tal-iskamel se jiġbor kollox kmieni filgħodu, kif ukoll wara l-4pm.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

Is-Sindku:

8.1 issuġerixxa li ssir zebra crossing f'triq il-Karwija, ftit isfel miċ-ċimiterju. Il-Kunsill se jieħu l-parir mit-TM.

8.2 qal illi hemm familja li talbu li niċċaqalqu bozza li hemm fit-triq tagħhom [Trejqet Tarsu]

Il-kunsillier Carlo Stivala:

8.3 qal illi qed ikun hemm boroż taż-żibel fejn il-Bring In Sites.

8.4 qal illi hemm bzonn ta' manutenzjoni mal-kurduna fejn saru l-fjuri f'triq Carmelo Caruana, kif ukoll mar-roundabout fejn għandna l-bandiera. Il-Kunsill qabel illi ssir ix-xogħol.

Il-kunsillier Joanna Abdilla

8.5 Qalet illi hemm min qe djitfa ż-żibel f'sqaq Ħannux [fejn triq San Ġorġ].

8.6 Fakkret illi fil-weekend [20/21 t'Awwissu] se ssir il-Mural fil-grawnd tal-futbol.

8.7 Qalet illi fl-4 ta' Settembru se jkun hemm il-Mobile Blood Donation Unit fil-Pjazza.

8.8 Qalet illi l-ħarġa għal EtnaLand se ssir fl-31 t'Awwissu.

8.9 Qalet illi hemm żewġ tabelli f'triq San Ġwann [malli taqbez il-LIDL] li għandhom bzonn jinbidlu.

8.10 Rigward il-proġett ta' triq il-Kuċċard qalet illi ma tista taqbel li ċ-ċiklisti għandhom isuqu fuq asphalt u mhux konkos.

8.11 Staqsiet jekk Safi Aviation se jagħtu kontribuzzjoni wara li bnew it-tined tagħhom. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu illi ltaqaw magħhom fejn resqu talba biex jagħtu xi ħaġa lura għall-komunita.

8.12 Qalet illi hemm arblu li trid tinbiddel f'triq San Tumas.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

8.13 Fakkar illi għandna nagħmlu t-timer għad-dawl waqt il-festa.

Is-Segretarju Ezekuttiv:

Ma kellu l-ebda punt biex izid

9. **Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- 22 ta’Settembru 2016

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |